# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM, 6 ta' Marzu, 2001.

**Kawza Nru. 24.**
**Citazz. Nru. 1/01 JRM**

**P J SUTTERS COMPANY LIMITED**

**vs**

**NICHOLSONS The SUPERMARKET LIMITED**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' sebat elef tlett mija tmienja u disghin liri maltin u disghin centezmu (Lm7398.90) li jirrapprezentaw il-bilanc tal-

prezz ta' merkanzija mibjugha mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta (hawn aktar 'l isfel maghruf bhala "il-bilanc dovut");

Illi dan l-ammont gie debitament ammess mis-socjeta' konvenuta permezz ta' ittra datata 15 ta' Novembru 2000 debitament accettata u ffirmata mir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta Tonio Ciantar u mibghuta lura permezz ta' fax kif indikat fuq l-istess ittra, kopja taghha hawn annessa u markata bhala dokument ittra "A";

Illi ai termini ta' l-istess ittra is-socjeta' konvenuta intrabtet li thallas l-ammont dovut lis-socjeta' attrici permezz ta' tlett rati mensili cioe' l-ewwel rata ta' Lm3167.08 pagabbili fis-7 ta' Dicembru 2000, it-tieni rata ta' Lm1665.34 fis-7 ta' Jannar 2001 u t-tielet rata ta' Lm2566.48 fis-7 ta' Frar 2001;

Illi ai termini ta' l-istess ittra is-socjeta' konvenuta qablet li f'kaz li tonqos milli thallas rata mensili fid-data ta' l- iskadenza, il-bilanc dovut ikun dovut immedjatament u imghax bir-rata ta' 8% jibda jiddekorri mid-data ta' l-istess skadenza fuq il-bilanc dovut;

Illi minkejja tali ftehim is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u naqset milli thallas l-ewwel skadenza taghha tas-7 ta' Dicembru 2000;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta iddekadiet mill- beneficcju tat-terminu koncess lilha u li l-bilanc dovut huwa dovut kollu b'effett immedjat;

2. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm7398.90 ghar-ragunijiet fuq spjegati;

3. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-istess somma ta’ Lm7398.90 ghar-ragunijiet indikati aktar ‘il fuq;

Bl-imghax bir-rata ta’ 8% mis-7 ta’ Dicembru 2000 sal-gurnata tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluz ta’ dawn l–atti, tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment ma’ dan l-att ta’ citazzjoni u ta’ l-atti gudizzjarji sussegwenti kollha kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa r-rapprezentanti taghha huma ingunti in subnizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta’ konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddeciedi billi **tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b’dan illi:

1. Tiddikjara li s-socjeta’ konvenuta iddekadiet mill-beneficcju tat-terminu koncess lilha u li l-bilanc dovut huwa dovut kollu b’effett immedjat;

2. Tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta debitrici tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ sebat elef tlett mija tmienja u disghin liri maltin u disghin centezmu (Lm7398.90) ghar-ragunijiet fuq spjegati;

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-istess somma ta' sebat elef tlett mija tmienja u disghin liri maltin u disghin centemu (Lm7398.90) ghar-ragunijiet indikati aktar 'il fuq;

U bl-imghax bir-rata ta' 8% mis-7 ta' Dicembru 2000 sal- gurnata tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluz ta' dawn l-atti, tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' l-att tac-citazzjoni u ta' l-atti gudizzjarji sussegwenti kollha, kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**6 ta' Marzu, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**6 ta' Marzu, 2001.**